MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2009

Citazzjoni Numru. 37/2009

**Joseph Cilia u martu Josephine Cilia**

**-vs-**

**Joseph Zammit**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fil-15 ta' Jannar, 2009 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew:

Illi r-rikorrenti huma propjetarji u għandhom il-pussess tal-garaxx "San Ġuzepp", 91, Triq Emmanuel Attard, Santa Venera;

Illi dan il-garaxx għandu tieqa li tagħti għal fuq il-proprjeta` tal-intimat;

Illi l-intimat riċentement, abusivament, illegalment u klandestinament ostruwixxa t-tieqa tal-garaxx tar-rikorrenti b'inċirata blu skura b'tali mod illi l-fond tar-rikorrenti ma baqalux ventilazzjoni u lanqas dawl naturali;

Illi r-rikorrenti Joseph Cilia induna b'dan l-aġir tal-intimat fl-14 ta' Diċembru, 2008;

Illi dan l-aġir tal-intimat jikkostitwixxi spoll reċenti u jagħti lok għall-eżerċizzju tal-azzjoni ta' spoll;

Illi r-rikorrenti jafu b'dawn il-fatti personalment;

Illi għalhekk l-istess rikorrenti jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1) Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-aġir tal-intimat kif fuq spjegat jikkostitwixxi spoll riċenti;

2) Tikkundanna lill-intimat sabiex jerġa' jqiegħed kollox fl-istat pristinu tiegħu, u ċioe` billi jneħħi tali nċirata blu minn mat-tieqa tal-garaxx "San Ġuzepp", 91 Triq Emmanuel Attard, Santa Venera u dan fi żmien qasir u perentorju li jiġi minn din l-Onorabbli Qorti ffissat;

3) Illi fin-nuqqas li l-intimat jagħmel dan fiż-żmien lilu prefiss minn dina l-Onorabbli Qorti, tawtorizza lir-rikorrenti li jneħħu tali nċirata huma stess.

B'riżerva ta' kull azzjoni oħra spettanti lill-istanti u bl-ispejjeż kontra l-intimat li hu minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Joseph Zammit ippreżentata fit-2 ta' Marzu, 2009 li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi l-konvenut jirrileva *in linea preliminari* illi l-azzjoni attriċi hija perenta u dana billi ma tressqitx fit-terminu hekk

kif stipulat mill-liġi, u dana hekk kif se jkollu l-opportunita` li jipprova l-konvenut waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża;

2. Illi l-konvenut jirrileva illi l-element tal-pussess *[“possedisse”]* meħtieġ biex tirnexxi tali azzjoni huwa nieqes billi l-atturi m'għandhom l-ebda pussess jew dritt emerġenti mit-tieqa jew aħjar toqba fil-ħajt mgħottija permezz ta' xibka tal-ħadid fil-proprjeta` ossia *‘garage’* tagħhom;

3. Illi lanqas ma kien hemm xi disturb tal-pussess *(“spoliatum fuisse”)* riċenti da parti tal-konvenut;

4. Illi l-konvenut jirrileva li l-aġir abbusiv ġej min-naħa tal-atturi u dana billi l-attur qed iddaħħal il-vettura tiegħu fil-*garage* biswit il-fond proprjeta` u residenza tal-konvenut bir-*‘reverse’* bir-riżultat illi d-duħħan u l-*‘exhaust’* qed jidħol kollu fil-proprjeta` tal-konvenut b'inkonvenjent kbir għalih u bi preġudizzju għal saħħtu u għal saħħet il-membri tal-familja tiegħu li jgħixu fl-istess residenza;

5. Illi l-konvenut jirrileva illi bl-aġir ta' kif l-attur qed idaħħal il-vettura tiegħu huwa hu li qed jikser il-ligi;

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Semgħet il-provi

Rat l-atti proċesswali u l-verbal tas-seduta tat-30 ta' Novembru 2009 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi kif jidher ċar mir-rikors promotur din hija kawza ta' spoll. L-atturi qed isostnu illi l-konvenut kkommetta dan l-ispoll meta mblokka it-tieqa msemmija fl-istess rikors. Kif huwa magħruf huma tlieta l-elementi rikjesti biex azzjoni ta' spoll tirnexxi, u dawn huma:

1. il-pussess;

2. l-azzjoni spoljattiva li tkun saret bil-moħbi jew kontra l-volonta tal-attur ; u

3. li l-azzjoni ssir fi żmien xahrejn minn meta jkun seħħ l-ispoll.

Il-konvenut f'din il-kawża qed jeċċeppixxi illi l-azzjoni hija perenta u li l-atturi ma għandhom ebda pussess kif spjegat, u kwindi ma sar ebda spoll vjolenti u klandestin kif reklamat mill-atturi, kif jidher minn dak premess aktar qabel. Qed jeċċepixxi wkoll li huwa ġie kostrett jagħlaq it-tieqa għaliex l-attur jippersisti filli jdaħħal il-vettura tiegħu fil-garaxx b'lura, u allura jimla l-fond tagħhom bid-duħħan barra milli qed jikser il-liġi.

Illi fis-sentenza **"Delia vs Schembri"** (Prim' Awla - 4 ta' Frar 1958) ġie ritenut illi:

*"L-azzjoni ta' spoll isservi biex tipproteġi l-pussess, ikun x'ikun ... li jiġi vjolentement jew okkultament meħuda mingħand il-possessur jew detentur u ġie deċiż kemm-il darba li tapplika wkoll għat-tutela tal-kważi pussess tad-drittijiet legali, u hija inerenti għal- fatt ta' min b'awtorita' privata ... jagħmel għad-dannu ta' terza persuna att li għalkemm jista' jkollu dritt għalih ma jistax jeżerċitah mingħajr intervent tal-Qorti."*

Illi fi kliem Pacifici Mazzoni spoll vjolent huwa *"qualunque atto arbitrario che per forza privata si compia contro la volontarieta' dello spogliato".* (Vol III Sez. 52).

Illi kif ġie ritenut fil-kawża **"Margħerita Fenech vs Pawla Zammit"** deċiża fit-12 ta' April 1958:

*"L-actio spolii hija radikata pjuttost fuq l-esiġenzi ta' utilita' soċjali milli fuq il-prinċipju assolut ta' ġustizzja hija eminentement intiża l-protezzjoni ta' kwalunkwe pussess u jiġi impedut liċ-ċittadin privat li jieħu l-liġi f'idejh; b'mod li l-fini tagħha huwa dak li jiġi restawrat l-istat tal-pussess li jkun ġie skonvolt jew turbat".*

Illi kif ukoll illi kif kellha okkażjoni tesprimi ruħha l-Onorabbli Qorti tal-Appell, l-indaġini li trid issir hija waħda limitatissima, rigoruża u skarna, u ma tinsab f'ebda leġislazzjoni oħra, u kompliet tgħid illi għalhekk indaġinijiet ibbażati fuq x'jgħidu u ma jgħidux ġuristi u awturi Francizi u Taljani huwa għal kollox irrilevanti u inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament ġuridiku tagħna – Appell Civili – "**Cardona vs Tabone"** – deċiż fid-9 ta' Marzu 1992).

Illi ma hemmx dubju illi l-atturi għandhom il-pussess (flimkien mal-konvenut) tat-tieqa li taqsam il-proprjetajiet; dan skond is-sentenza fl-ismijiet **"Fenech vs Fenech"** mogħtija minn din il-Qorti fit-3 ta' Ottubru 2003, ifisser li għandu (għandhom) l-interess ġuridiku li jittutela (w) u jipproteġi (u) l-interessi tiegħu (tagħhom). Jirriżulta allura illi kienu jgawdu l-pussess tal-arja u l-ventilazzjoni qabel ma sar l-att in kwistjoni.

Illi dan il-każ għalhekk ma jippreżenta ebda diffikolta' għaliex l-istess konvenut kemm fl-eċċezzjonijiet u kemm meta xehed in kontro-eżami, ammetta li mblokka t-tieqa biex ma jibqax isofri mid-dħul tad-*diesel* ġol-proprjeta' tiegħu. Wieħed jifhem li dan il-fatt qed jikkawża nkonvenjent kbir għall-atturi u anke ħsara għal saħħithom, iżda l-kawża ta' spoll hija appuntu intiża biex ħadd ma jieħu l-liġi f'idejh. It-triq li kellhom jieħdu l-konvenuti kellha tkun skond il-liġi.

Illi jirriżulta pero' li l-konvenuti mblokkaw it-tieqa mhux f'daqqa iżda billi matul ċertu perjodu poġġew diversi oġġetti, u kien meta huma għamlu ċarruta blu li l-atturi aġixxew. Jidher infatti ċar li dan l-aġir għalaq it-tieqa kompletament. Fil-fatt l-atturi qed jitolbu biss it-tneħħija ta' din iċ-ċarruta. Ma hemmx dubju li fir-rigward ta' dan l-atturi aġixxew tempestivament għaliex iċ-ċarruta tpoggiet fil-bidu ta' Diċembru 2008 u l-kawża ġiet intavolata fil-21 ta' Jannar 2009.

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet kollha attriċi, u għall-fini tal-istess talbiet tipprefiġġi terminu ta' xahar. Il-Qorti tinnomina**

**lill-A.I.C. Valerio Schembri biex jissorevlja x-xogħol meħtieġ jekk ikun hemm bżonn.**

**L-ispejjeż ikunu a kariku tal-konvenuti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------